MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 403/2004

**Maurice Dingli**

**vs**

**Ludwig Dimech u b'digriet tal-5 ta' Mejju, 2004 is-socjeta` Atlas Insurance Limited kif surrogata bil-Ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assigurat taghhom Ludwig Dimech interveniet "in statu et terminis"**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta' Frar, 2004 fejn intalab il-hlas ta' sitt mija u hamsin lira Maltija (Lm650.00) jew somma ohra verjuri rappresentanti danni li sofra l-attur meta l-konvenut waqt li kien qed isuq il-vettura numru GAU-513 fit-13 ta' Dicembru, 2003 fil-limiti ta' Hal Qormi habat mal-vettura numru GAC-908 propjeta` tal-attur u misjuqa minnu u b'hekk ikkaguna danni f'din l-istess vettura.**

**Dan l-incident huwa ghalih unikament responsabbli l-konvenut stante li s-sewqan kien wiehed negligenti u traskurat ghal kollox.**
**Bl-ispejjez komprizi dawk ta' ittra legali datata 24 ta' Jannar, 2004 kontra l-konvenut u tal-parir Lm15.00 u ta' ittra ufficjali ohra prezentata kontestwalment ma' din it-talba kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, bl-imghax legali kontra l-istess konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta prezentata fit-13 ta' Mejju, 2004 mis-socjeta` intervenjenti fil-kawza fejn intqal:**
**i. Illi s-sewwieq tal-vettura GAU-513 assigurat comprehensive mal-eccipjenti ma kien b'ebda mod responsabbli ghall-incident stradali msemmi fl-avviz fl-ismijiet premessi stante li ghal din il-habta kien responsabbli biss Maurice Dingli minhabba negligenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parte tieghu biss;**
**ii. Isegwi li m'hemmx danni x'jigu likwidati kontra l-eccipjenti jew l-assigurat taghhom;**
**iii. Isegwi li la l-eccipjenti u lanqas l-assigurat taghhom ma jistghu qatt jigu kkundannati jhallsu ebda danni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut Ludwig Dimech prezentata fil-15 ta' Novembru, 2004 fejn intqal illi l-konvenut Ludwig Dimech ma kien bl-ebda mod responsabbli ghall-incident stradali msemmi fl-Avviz fuq citat stante li ghall-incident "de quo" kien unikament responsabbli s-sewwieq tal-vettura GAC-908 u dan minhabba negligenza da parte biss ta' dan is-sewwieq ta' GAC-908;**
**Salvi eccezzjonijiet ohra.**

**Semgha x-xhieda ta' Maurice Dingli. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Illi l-kaz jirrigwarda kollizjoni li sehhet fit-13 ta' Dicembru, 2003, fi Triq l-Imdina, Qormi, bejn il-vettura**

**GAC-908 misjuqa mill-attur u l-vettura GAU-513 misjuqa minn Ludwig Dimech.**

**2. L-attur kien sejjer fid-direzzjoni ta' Haz-Zebbug, miexi fil-karreggata ta' barra, meta gie l-konvenut minn wara u baqa' diehel fih. Fil-mument tal-kollizzjoni l-attur kellu l-indicator mixghul.**

**3. Il-konvenut ried jirrangalu, pero` kienu ser jaghmlulu "second hand parts". Il-karozza kienet f'kundizzjoni tajba u l-attur ma kienx accetta li jsirulha "second hand parts". Sussegwentement infethet il-kawza.**

**4. Ma hemmx dubbju li ghall-incident kien jahti unikament il-konvenut li ma zammx proper look out ghat-traffiku ta' quddiemu.**

**5. Bhala danni l-attur fic-cirkostanzi kellu kull dritt li ma jaccettax dak li kien qed joffrilu l-konvenut. L-ammont ta' danni huwa dak imsemmi fl-avviz.**

**Ghaldaqstant peress illi ghall-incident in kwistjoni kien jahti unikament il-konvenut, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut jhallas lill-attur is-somma ta' sitt mija u hamsin lira Maltija (Lm650.00) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mis-16 ta' Frar, 2004.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, komprizi dawk ta' ittra legali datata 24 ta' Jannar, 2004 kontra l-konvenut u tal-parir Lm15.00 u ta' ittra ufficjali ohra prezentata kontestwalment ma' din it-talba kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------